MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 279/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Bernard Charles Spiteri]**

**Vs**

**Alexander Maggi**

Illum, 13 ta’ Novembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Alexander Maggi, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 236066M talli:

Nhar it-13 ta’ Luiju, 2011, ghall-habta ta’ 13.30hrs, waqt li kien qieghed gewwa l-istabbiliment li jgib l-isem ‘Santa Lucija’ u li jinsab fi Triq il-Linja, Attard, u f’dawn il-Gzejjer:

1. Ikkaguna biza' lil Mario Borg u Derrick Borg, li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom;

2. U aktar talli hedded bil-fomm u b'mezzi ohra lill-istess Mario Borg u Derrick Borg b'delitt, fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni;

3. U aktar talli kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

4. U aktar talli fi-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mario Borg u Derrick Borg;

5. U aktar talli qal kliem indicenti jew oxxen fil-pubbliku;

6. U aktar talli fi-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra n-nies (Sec 339(1)(b) Kap 9);

7. U aktar talli b'ghemilu kiser il-garanzija li kienet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati fid-19 ta' Ottubru, 2010, meta kien gie marbut b'garanzija ta' €2,300 ghal zmien sena biex ma jimmolestax lill-imsemmi Mario Borg;

8. U aktar talli ghamel delitt f'perjodu operattiv b'sentenza sospiza moghtija nhar 1-24 ta' Gunju, 2009, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza giet estiza nhar id-19 ta' Ottubru, 2010 moghtija mill-istess Qorti tal-Magistrati;

9. U aktar talli kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn, b'sentenza moghtija nhar it-18 ta' Jannar, 2011, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;

10. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi huwa kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti ta' Malta li saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Mejju, 2012, fejn il-Qorti sabet htija ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 338, 339, 221, 383, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat id-Dokument BS a folio 70, u tqieghed in operat it-tmintax(l 8)-il xahar prigunerija hemm imposta, tikkundannah ihallas is-somma ta' €2,300 (garanzija miksura);

Tikkundannah ghal multa ta' €100 ghar-reati 1, 2, 3,4, 5, u 6.

Ai termini tal-Artikolu 412C qieghda wkoll taghrnel Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Mario Borg.

Bl-applikazzjoni ta' 1-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda wkoll torbot lii Alexnader Maggi milli b'xi mod jivvessa, idejjaq, jew javvicina lii Mario Borg u Derrick Borg ghal sena(1) mill-lurn, u dan taht garanzija ta' €2,329.

Il-Qorti tat dawn il-provvedirnenti stante dak rifless fil-fedina penali ta' 1-imputat fir-rigward ta' 1-attitudni tiehgu fejn si tratta Mario Borg.

Irrakkomanda lid-Direttur tal-Habs, in vista' ta' dan, illi 1-imputat jigi moghti kull ghajnuna opportuna.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alexander Maggi pprezentat fl-5 ta' Gunju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti li tirriforma s-sentenza appellata ghall-wahda fejn tigi applikata sentenza ta' wahda mhix karcerarja effettiva u dan wara li tiehu in kunsiderazzjoni c-crikorstanzi koliha tal-kaz u wkoll wara li tigi ordnata pre-sentencing report iehor f'dawn il-proceduri.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti u cioe':-

Illi 1-ewwel qorti kellha toroq ohra fejn ma tapplikax 1-piena karceijarja effettiva u dan meta zgur ma hiex 1-aktar piena li tista tfejjaq il-ferita emozzjonali tal-appelianti u ghar minn hekk li tkompli tfarraklu 1-familja tieghu in partikolari l-gheziez uliedu li tant jhobb u jghhozz kif effettiviment jirrizulta mill-istess rapport ossia pre sentecing report ta Marietta Lanzon;

Illi 1-qorti ma tatx piz is-sottomissjonijiet tad-difiza fis-seduta li saret specifikament ghalhekk qabel 1-ahhar seduta meta inghata s-sentenza fejn giet indirizzata ii dan kien kaz car tat-trattament ta’ anger manegement u mhux kaz ta piena karcerarja fejn ilk-problema titkabbar aktar milli tigi indirizzata.

Illi dan 1-aggarvju huwa wiehed fuq il-piena u in partikolari li wiehed ghandu jara li tigi applikata bhal per ezempju community service biex b’hekk 1-appellanti jifhem ahjar kemm is-socjeta effettivament ma hiex kontra 1-persuna imma hija wkoll solidali b’mod kollettiv;

Ikkunsidrat :

Din il-kawza tirrigwarda ncident illi gara fit-13 ta’ Lulju, 2011 ghall- habta ta’ 13:30 hours fl-istabbiliment Santa Lucia, H’Attard fejn l-appellant agredixxa lil Mario Borg. L-appellant gie mressaq il-Qorti taht diversi akkuzi nkonnessjoni ma dan l-incident u b’Sentenza tat-30 ta’ Mejju, 2012 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati u peress illi kien recidiv u ghamel dan ir-reat f’perjodu operattiv ta’ Sentenza sospiza, qeghdet in operat it-tmintax il-xahar prigunerija mposta fuqu u kkundannatu ghas-somma ta’ €2,300 ghal ksur tal-garanzija u €100 ghal dawn ir-reati. L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell, l-agravju tieghu pero’

qieghed principalment fuq il-piena peress illi deherlu illi kienet eccessiva wisq fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat.

L-appellant spjega illi l-parti leza Mario Borg qieghed jghix mal-mara tieghu u l-appellant baqa' effettwat emozzjonalment b'din is-sitwazzjoni.  Illum pero' s-sitwazzjoni tjiebet hafna u hemm relazzjoni tajba bejniethom tant illi Borg qieghed jghin finanzjarjament fl-eduzazzjoni tat-tfal ta' Maggi u rrifera ghal pre-sentencing report fejn irrizulta li dina kienet kwistjoni ta' "anger management" u li Community Service jkun aktar addattat. Xehed f'dawn l-Atti wkoll Mario Borg fejn quddiem din il-Qorti spjega illi llum sabu kompromess u m'ghadx ikollu ncidenti ma l-appellant, ikkonferma li qed jikkontribwixxi ghall-edukazzjoni tat-tfal ta' l-appellant.  It-tifel tieghu nzerta li kien prezenti tak il-hin ta' l-incident izda qatt ma kien hemm incidenti bejn l-appellant u t-tifel ta' Mario Borg.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi hija xi haga posittiva hafna illi llum l-incidenti bejn il-parti leza u l-appellant jidhru illi spiccaw u tawgura illi s-sitwazzjoni tibqa hekk,  mhux biss pendenti din il-kawza ta' l-appell.  Il-Qorti pero' ma tistax ma tinjorax il-passat ta' l-appellant  illi ta' spiss kiser difru mal-Ligi u l-Qorti dejjem tatu opportunita jirrealiza dak li kien qieghed jaghmel u jipprova jirranga izda jidher illi kien ta' xejn.  Fil-fatt l-Ewwel Qorti rrimarkat li harsa lejn il-fedina penali ta' l-appellant turi bic-car li dan ghandu litteralment fissazzjoni ghal Mario Borg u jattakkah ta' spiss.  Oltre dan,  jidher illi l-appellant la fehem u lanqas gharaf jiehu dawk l-opportunitajiet li tatu din il-Qorti ghal aktar minn darba tant illi huwa gie moghti multi, Sentenzi sospizi  li anke gew estizi u anke ma zammx ma garanzija fuqu mposta.  L-Ewwel Qorti kellha wkoll il-"pre-sentencing report" quddiemha u rat illi l-appellant jigi affettwat mill-istat emozzjonali illi jkun fih dak il-mument u li dan jikkondizzjonah bil-mod kif jahseb, ihoss li jagixxi fic-cirkostanzi li jkun fihom.  Jekk ikun ghaddej minn mument

hazin huwa jista jkun agressiv, l-imgieba mpulsiva tieghu, hafna drabi mhux kontrollata, qieghda tpoggi lill-appellant f'diffikulta biex ikollu relazzjoni tajba ma ta' madwaru. Din il-konkluzjoni turi bic-car illi l-Ewwel Qorti kellha ragun meta ddecidiet li tqieghed in operat it-tmintax il-xahar prigunerija mposta fuq l-appellant kif ukoll l-impozizzjoni tal-multi tal-garanzija miksura u ghal dawn ir-reati. Kif ga inghad, il-Qorti tawgura illi issa l-affarijiet ikkalmaw u m'hemmx aktar incidenti, pero' dan il-passat ta' l-appellant ma jistax jigi mwarrab u l-appellant irid jirrealizza u jifhem din ir-rabja nkontrollata tieghu fejn se twassal. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragunevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata bir-rakkomandazzjoni li ghamelt l-ewwel Qorti lid-Direttur tal-Habs illi l-appellant jigi moghti kull ghajnuna opportuna.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------